**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 512/17 AL

**A B**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu fil-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AJ 1';

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal ossia D B li llum ghandu l-età ta' sittax (16) –il sena u Lydon B li illum ghandu l-età ta hdax (11) -il sena kif jidher mic-Certifikati tat-Twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'AJ 2' u Dok 'AJ 3';

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti resqu ghal separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt datat sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa, kopja ta’ liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘AJ 4’ u dan wara li gew awtorizzati permezz ta’ digriet opportun;

4. Illi r-rikorrenti ilhom separati legalment ghal iktar minn erba’ (4) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt surreferit ir-rikorrenti A B obbliga ruhu li jhallas lil C B manteniment ta’ mitejn u sebghin Ewro (€270) fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-minuri, ossia mija u hamsa u tletin Ewro (€135) ghal kull wild minuri, filwaqt li ir-rikorrenti B B iddekadiet mid-dritt taghha li titlob u/jew tircievi manteniment u r-rikorrenti A B irrinunzja ghall-hlas ta’ manteniment minghand B B;

6. Illi ir-rikorrenti A B dejjem hallas il-manteniment stipulat fil-kuntratt surreferit u ghadu qed ihallas l-imsemmi manteniment u konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew kwistjonijiet ta’ manteniment;

7. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-7 ta' Novembru 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.